IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.7.2022
COM(2022) 355 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika trimestrali dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti fil-Komunità

1. INTRODUZZJONI

1.1 Sfond

L-istatistika dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti (JVS - job vacancy statistics) tirreġistra l-għadd ta' impjiegi vakanti f'mument partikolari, jiġifieri l-parti tad-domanda għall-ħaddiema li ma hijiex issodisfata mill-provvista tal-ħaddiema. Għalhekk, din tipprovdi informazzjoni ewlenija dwar lakuni possibbli bejn il-provvista tal-ħaddiema u d-domanda għalihom, inklużi d-diskrepanzi fis-suq tax-xogħol, li jseħħu meta l-ħiliet jew il-post fejn jinsabu n-nies li jkunu qegħdin ifittxu impjieg ma jikkorrispondux mal-aspettattivi minn impjegaturi possibbli.

Ir-Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istatistika ta' kull tlett xhur dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti fil-Komunità[1]("ir-Regolament dwar il-JVS") jistabbilixxi l-qafas għall-produzzjoni u l-evalwazzjoni tal-istatistika ta' kull tlett xhur dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti.

L-Artikolu 10 tar-Regolament dwar il-JVS jitlob li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament sal-24 ta' Ġunju 2010 u kull tliet snin wara dan. L-għan ta' dan ir-rapport huwa li jivvaluta l-kwalità kemm tal-istatistika pprovduta mill-Istati Membri kif ukoll tal-aggregati Ewropej. Barra minn hekk, huma identifikati u ppreżentati oqsma fejn jista' jsir titjib fil-futur.

Dan huwa l-ħames rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill[2]. Ir-rapport huwa bbażat fuq l-esperjenza li tiġi pprovduta *data* f'intervalli trimestrali u fuq id-dokumentazzjoni pprovduta mill-Istati Membri fir-rapporti annwali tagħhom dwar il-kwalità. Dan ir-rapport jiffoka fuq il-kwalità tal-JVS li waslet mill-edizzjoni preċedenti. Dan jeżamina l-JVS mibgħuta lill-Kummissjoni għat-trimestri ta' referenza mill-ewwel trimestru tal-2019 (2019Q1) sar-raba' trimestru tal-2021 (2021Q4).

1.2 Qafas legali

Sabiex tikkomplementa l-qafas ġenerali stabbilit mir-Regolament dwar il-JVS, il-Kummissjoni adottat żewġ regolamenti ta' implimentazzjoni:

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1062/2008[3], li jiddefinixxi l-proċeduri ta' aġġustament staġunali li jridu jiġu applikati mill-ewwel trimestru tal-2014, l-istruttura u l-kontenut tar-rapporti annwali dwar il-kwalità li l-Istati Membri jridu jipprovdu lill-Kummissjoni, u d-dati meta jridu jintbagħtu dawn ir-rapporti; u
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 19/2009[4], li jiddefinixxi t-terminu "impjieg battal", jistabbilixxi l-iskadenzi sa meta trid tintbagħat id-*data* u jispeċifika l-perjodi li

[1] ĠU L 145, 4.6.2008, p. 234.

[2] Ara r-rapport preċedenti, COM(2019) 368 tat-13 ta' Awwissu 2019.

[3] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1062/2008 tat-28 ta' Ottubru 2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika ta' kull tliet xhur dwar impjiegi battala fil-Komunità, fir-rigward ta' proċeduri ta' aġġustament staġjonali u rapporti dwar il-kwalità (ĠU L 285, 29.10.2008, p. 3).

[4] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 19/2009 tat-13 ta' Jannar 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika ta' kull tliet xhur dwar l-

jridu jiġu koperti bl-ewwel sett ta' *data* pprovdut. L-anness ta' dan l-att legali jelenka l-Istati Membri li jwettqu studji ta' fattibbiltà u s-suġġetti koperti minn dawn l-istudji.

Skont il-leġiżlazzjoni msemmija hawn fuq, l-Istati Membri kollha huma mitluba jipprovdu serje ta' żmien għall-għadd totali ta' postijiet vakanti u għall-għadd ta' postijiet tax-xogħol okkupati fil-pajjiż tagħhom, li tibda mill-ewwel trimestru tal-2010. Dawn għandhom jipprovdu d-*data* sa mhux aktar tard minn 70 jum minn tmiem it-trimestru (T+70). Barra minn hekk, l-Istati Membri li jimpjegaw aktar minn 3 % tat-total tal-UE huma mitluba jibagħtu stimi rapidi sa mhux aktar tard minn 45 jum wara t-tmiem tat-trimestru (T+45).

L-Istati Membri huma mitluba jipprovdu l-għadd ta' postijiet tax-xogħol vakanti u tal-postijiet tax-xogħol okkupati għall-unitajiet kollha tan-negozju u skont l-attività ekonomika, għal kull taqsima tal-klassifikazzjoni (NACE Rev. 2) tan-NACE Reviżjoni 2[5]. Madankollu, għan-negozji ż-żgħar (definiti bħala unitajiet b'anqas minn 10 impjegati) kif ukoll għat-taqsimiet O-S tan-NACE Reviżjoni 2[6] (meta l-attivitajiet ewlenin tagħhom huma l-amministrazzjoni pubblika, is-servizzi tas-saħħa u l-edukazzjoni), ir-Regolament dwar il-JVS jistipula li kwalunkwe Stat Membru li jsib diffikultajiet sabiex jipprovdi d-*data*, għandu jwettaq studji ta' fattibbiltà.

Għalkemm dawn l-istudji ta' fattibbiltà ppermettew lil xi Stati Membri jiksbu kopertura sħiħa tal-ekonomija, dan għadu ma huwiex il-każ għal tlieta minnhom (id-Danimarka, Franza u l-Italja). Id-*data* għal dawn il-pajjiżi ma hijiex kompletament komparabbli ma' dik tal-bqija tal-UE. Kemm fi Franza kif ukoll fl-Italja, l-istituzzjonijiet pubbliċi ma humiex koperti fis-setturi tal-amministrazzjoni pubblika, l-edukazzjoni u s-saħħa tal-bniedem (in-NACE Reviżjoni 2, it-Taqsimiet O, P u Q). Barra minn hekk, Franza tinkludi biss unitajiet b'10 impjegati jew aktar fi stħarriġ, filwaqt li d-Danimarka tkopri biss unitajiet fl-ekonomija tan-negozju (in-NACE Reviżjoni 2, it-Taqsimiet B-N).

Mill-aħħar rapport, l-Italja u Malta bdew jittrażmettu *data* dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti għad-daqsijiet kollha tal-intrapriżi, inklużi dawk li għandhom bejn impjegat wieħed u disa' impjegati. B'din il-mossa, Malta issa tkopri l-ambitu sħiħ tal-istatistika dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti.

Il-bqija tar-rapport huwa strutturat kif ġej: It-Tieni Taqsima tippreżenta l-progress fl-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-JVS matul dawn l-aħħar tliet snin, it-Tielet Taqsima tanalizza l-impatt ewlieni tal-kriżi tal-COVID-19 fuq il-JVS filwaqt li r-Raba' Taqsima

---

impjiegi battala fil-Komunità, b'rigward tad-definizzjoni ta' impjieg battal, id-dati ta' referenza għall-ġbir tad-*data*, l-ispeċifikazzjonijiet għat-trażmissjoni tad-*data* u l-istudji ta' fattibbiltà (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 3).

5 Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

6 Li jkopru: L-amministrazzjoni pubblika u d-difiża, is-sigurtà soċjali obbligatorja (it-Taqsima O), l-edukazzjoni (it-Taqsima P), is-saħħa tal-bniedem u l-attivitajiet tax-xogħol soċjali (it-Taqsima Q), l-arti, l-ispettakli u r-rikreazzjoni (it-Taqsima R) u attivitajiet oħrajn ta' servizz bħall-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet ta' sħubija, it-tiswija tal-kompjuters u oġġetti personali u tad-dar, u attivitajiet oħrajn ta' servizzi personali (it-Taqsima S).

tivvaluta l-kwalità tal-istatistika dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti. Fl-aħħar nett, il-Ħames Taqsima tiġbed il-konklużjonijiet u tissuġġerixxi modi kif l-aspettattivi tal-utenti jistgħu jiġu ssodisfati aħjar anke fil-futur.

2. PROGRESS ĠENERALI SA MILL-AĦĦAR RAPPORT

Mill-aħħar adozzjoni tal-aktar rapport riċenti fl-2019 ma kien hemm l-ebda tibdil leġiżlattiv.

Fir-rigward tal-proċess tal-produzzjoni, sar diversi titjib fil-katina tal-produzzjoni tal-JVS, kif iddettaljat fil-paragrafi li ġejjin.

2.1 Standards għall-ġbir tad-*data*

Il-JVS ġiet trażmessa mill-Istati Membri kollha permezz tal-istruttura tad-*data* tal-Iskambju tal-Metadata u tad-*Data* Statistika (SDMX)[7] u l-listi tal-kodiċijiet maqbula internazzjonalment (disponibbli online minn reġistru ddedikat[8]). L-istess ikkowdjar intuża fil-bażi tad-*data* tal-Eurostat dwar il-JVS u sabiex il-JVS tiġi trażmessa lill-Bank Ċentrali Ewropew.

Mit-trażmissjoni ta' JVS għat-trimestru ta' referenza tat-tielet trimestru tal-2021 (rapida u finali), l-Istati Membri bdew jużaw il-Verżjoni 2.3 tad-Definizzjoni tal-Istruttura tad-*Data* użata fit-trażmissjonijiet tal-SDMX tad-*data* ta' JVS, li tinkorpora wkoll il-klassifikazzjoni l-ġdida tan-NUTS[9].

L-użu tal-istandards SDMX għat-trażmissjonijiet tad-*data* jevita ambigwitajiet u nuqqas ta' ftehim mal-Istati Membri u jissimplifika l-proċess tal-validazzjoni tad-*data*, u jagħmlu aktar xieraq għall-awtomatizzazzjoni.

2.2 Validazzjoni tad-*data*

Id-*data* ġiet ivvalidata sistematikament permezz ta' għodda ġdida, li tivverifika jekk il-kodiċijiet u l-istrutturi tad-*data* użati jissodisfawx l-istandards tal-SDMX miftiehma għat-trażmissjonijiet tad-*data*. Dan jissimplifika l-proċess tal-produzzjoni u jnaqqas ir-riskju ta' żbalji li jirriżultaw minn kodifikazzjoni ħażina. Meta l-fajl trażmess ma jkunx konformi mal-istandards tal-SDMX fis-seħħ, dan jiġi miċħud awtomatikament. L-Istati Membri kollha jirċievu notifika ta' suċċess jew ta' falliment permezz tal-posta elettronika u jistgħu jaċċessaw ir-rapport ta' validazzjoni tal-IT permezz ta' servizz web.

Mill-aħħar rapport, il-Eurostat adatta l-proċess tal-produzzjoni sabiex jipproċessa t-tipi kollha ta' formati tal-SDMX, kemm jekk huma kompatti kif ukoll ġeneriċi.

---

7 https://sdmx.org/ (disponibbli bl-Ingliż biss).

8 https://webgate.ec.europa.eu/sdmxregistry/ (disponibbli biss bl-Ingliż).

9 Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

Barra minn hekk, għal kull trażmissjoni trimestrali, il-Eurostat jagħmel kontrolli ta' plawżibbiltà billi jqabbel id-*data* matul iż-żmien u tul l-attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2. F'każ ta' bidliet sinifikanti bejn trimestru u ieħor fl-għadd ta' postijiet tax-xogħol okkupati jew postijiet tax-xogħol vakanti, il-Eurostat jitlob lill-Istati Membri jikkonfermaw id-*data* jew jittrażmettu mill-ġdid fajl tad-*data* kkoreġut. Meta jiġu identifikati reviżjonijiet kbar jew bidliet f'daqqa, fi kwalunkwe taqsima partikolari tan-NACE, dawn jiġu segwiti sistematikament mal-pajjiżi kkonċernati.

2.3 Aġġustament staġunali

Skont l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1062/2008, l-Istati Membri huma mitluba wkoll jittrażmettu *data* aġġustata skont l-istaġun. Huwa obbligatorju li tiġi pprovduta din id-*data* dwar postijiet tax-xogħol vakanti u postijiet tax-xogħol okkupati mill-anqas għat-Taqsimiet B-E, F, G-I, J, K, L, M-N, O-Q, R-S individwali/aggregati tan-NACE Reviżjoni 2. Il-Eurostat juża d-*data* fornuta dwar postijiet tax-xogħol vakanti u postijiet tax-xogħol okkupati aġġustati skont l-istaġun sabiex jikkalkula r-rati ta' postijiet tax-xogħol vakanti aġġustati skont l-istaġun bħala proporzjon.

Fil-livelli tal-UE u taż-żona tal-euro, il-postijiet tax-xogħol okkupati u l-postijiet tax-xogħol vakanti l-ewwel jiġu aggregati fl-Istati Membri kollha u mbagħad jiġu aġġustati skont l-istaġun (aġġustament staġunali dirett).

Il-Eurostat jippubblika *data* aġġustata skont l-istaġun għall-aggregati Ewropej flimkien ma' *data* li ma hijiex aġġustata skont l-istaġun (ara t-Taqsima 4.5).

Il-Eurostat tejjeb l-anness ta' aġġustament staġunali tar-rapporti nazzjonali dwar il-kwalità. B'mod partikolari, dan l-anness aġġornat jagħti dettalji dwar il-mudelli ta' aġġustament staġunali użati, l-outliers skoperti, id-daqs tal-aġġustamenti u l-volatilità tar-riżultati.

3. L-IMPATT TAL-KRIŻI TAL-COVID-19

3.1 Stħarriġ tal-Istati Membri

F'Marzu 2020, il-Eurostat nieda stħarriġ għall-pajjiżi sabiex jirrapportaw il-kwistjonijiet ewlenin li huma ffaċċjaw fil-ġbir tad-*data* mill-bidu tal-pandemija. L-aktar kwistjoni frekwenti rrapportata fl-istħarriġ kienet rata ta' rispons aktar baxxa min-negozji minħabba l-għeluq u arranġamenti ġodda ta' xogħol (xogħol b'ħinijiet iqsar, telexogħol eċċ.), kif ikkonfermat fil-fajls tal-metadata għall-ewwel trimestru tal-2020 u t-tieni trimestru tal-2020.

Għalkemm fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-kriżi tal-COVID-19 bdiet f'nofs Marzu tal-2020, l-impatt rari kien viżibbli fid-*data* tal-ewwel trimestru tal-2020, skont id-*data* ta' referenza għall-ġbir tad-*data* tal-JVS. Kif mistenni, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi rreġistraw tnaqqis sena wara sena fir-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti għat-tieni trimestru tal-2020.

3.2 Impatt fuq it-trażmissjonijiet tad-*data*


Minkejja dan it-tfixkil, id-*data* tal-JVS għat-trimestri ta' referenza l-ewwel u t-tieni trimestri tal-2020 ġiet trażmessa u rilaxxata fil-ħin, għal kważi l-Istati Membri kollha.

Franza biss ma setgħetx tittrażmetti d-*data* tal-ewwel trimestru tal-2020 u kompliet it-trażmissjonijiet għall-perjodu ta' referenza tat-tieni trimestru tal-2020. L-Italja rnexxielha tibgħat id-*data* finali fil-ħin kemm għar-rilaxxi tal-aħbarijiet tal-ewwel trimestru tal-2020 kif ukoll għat-tieni trimestru tal-2020 iżda mhux għall-istimi rapidi preċedenti korrispondenti.

3.3 Żviluppi fl-istatistika dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti

Kif muri fiċ-ċart ta' hawn taħt, matul il-perjodu ta' bejn l-ewwel trimestru u t-tieni trimestru tal-2020, ir-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti l-ewwel irreġistrat tnaqqis qawwi, kemm fiż-żona tal-euro kif ukoll fl-UE. Mit-tielet trimestru tal-2020 'il quddiem, din irkuprat gradwalment sar-raba' trimestru tal-2021 meta laħqet 2,6 % għall-UE, 0,3 punti perċentwali ogħla mill-ogħla livell irreġistrat fl-ewwel trimestru tal-2019.

Fir-rigward tal-attivitajiet ekonomiċi individwali, l-akbar żidiet fil-JVS meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-pandemija ġew osservati fit-taqsimiet tan-NACE: J ("Informatika u komunikazzjoni"); N ("Attivitajiet amministrattivi u ta' servizzi ta' appoġġ" inklużi wkoll l-aġenziji ta' xogħol temporanju); I ("Attivitajiet ta' akkomodazzjoni u ta' servizzi tal-ikel") u C ("Manifattura")[10].



4. IL-KWALITÀ TAD-*DATA*

Din il-parti tar-rapport teżamina d-dimensjonijiet tal-kwalità kollha fl-istatistika Ewropea dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti: ir-rilevanza, l-akkuratezza, it-tempestività, il-puntwalità, il-koerenza u l-komparabbiltà.

4.1 Ir-rilevanza

Il-ġbir tad-*data* tal-JVS huwa importanti għall-analiżi ekonomika, peress li huwa l-uniku sors ta' *data* li jkejjel id-domanda għall-ħaddiema mhux issodisfata. Id-*data* trimestrali dwar il-

[10] Ara: https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/jvs_q_nace2/default/table?lang=en (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż biss).

postijiet tax-xogħol vakanti tintuża mill-Kummissjoni (id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni u d-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) u mill-Bank Ċentrali Ewropew sabiex jimmonitorjaw l-iżviluppi fuq perjodu qasir fiċ-ċiklu tan-negozju u fis-suq tax-xogħol. Ir-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti hija waħda mill-indikaturi ekonomiċi Ewropej prinċipali[11], li huma s-sors ewlieni ta' informazzjoni użata għall-analiżi u għall-monitoraġġ tal-iżviluppi ekonomiċi ċikliċi fuq perjodu qasir fl-UE, fiż-żona tal-euro u f'pajjiżi individwali tal-UE. Dan jitqies bħala indikatur aħjar minn stimi bħall-indikaturi tan-nuqqas ta' ħaddiema.

Il-JVS tintuża wkoll sabiex jiġu analizzati l-iżviluppi fir-rata tal-qgħad permezz tal-kurva ta' Beveridge, kif sar pereżempju fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-Kummissjoni[12], fit-tbassir ekonomiku tal-ħarifa tal-2021 tal-Kummissjoni[13] u f'diversi rapporti analitiċi tal-OECD.

Madankollu, il-JVS tkun ferm aktar rilevanti kieku l-lakuni eżistenti fil-kopertura ta' negozji żgħar u tat-Taqsimiet O sa S tan-NACE Reviżjoni 2, inklużi l-istituzzjonijiet pubbliċi, kellhom jimtlew. Dan jippermetti wkoll il-pubblikazzjoni tal-għadd ta' postijiet tax-xogħol vakanti u postijiet tax-xogħol okkupati flimkien mar-rata. Dan għalissa ma huwiex possibbli minħabba l-kopertura mhux kompluta tal-ekonomiji tal-UE.

Fost il-pajjiżi b'kopertura sħiħa tal-ekonomija, xi whud jindikaw l-għadd ta' postijiet tax-xogħol okkupati u postijiet tax-xogħol vakanti bħala kunfidenzjali. Fit-tielet trimestru tal-2022, il-Eurostat se jikkuntattjahom sabiex jiddiskutu r-rilaxx possibbli tal-għadd ta' postijiet tax-xogħol okkupati u postijiet tax-xogħol vakanti għall-ekonomija totali.

4.2 Akkuratezza

Bħala indikazzjoni tal-akkuratezza, l-Istati Membri jikkalkolaw il-koeffiċjenti tal-varjazzjoni fl-għadd ta' postijiet tax-xogħol vakanti (li ma humiex aġġustati skont l-istaġun), filwaqt li jqisu l-karatteristiċi tad-disinn tal-kampjun nazzjonali tagħhom. Il-koeffiċjent tal-varjazzjoni jesprimi l-iżball standard bħala perċentwal tal-valur tal-medja li qiegħed jiġi stmat. Dan jipprovdi kejl tal-varjabilità tal-għadd stmat ta' postijiet tax-xogħol vakanti. Skont ir-rapporti dwar il-kwalità għas-sena ta' referenza 2020, il-koeffiċjenti tal-varjazzjoni għat-total ta' postijiet tax-xogħol vakanti kienu taħt il-15 % fl-Istati Membri kollha minbarra l-Irlanda, il-Greċja u Ċipru[14].

Id-daqs tal-kampjun u r-rata ta' rispons jaffettwaw l-akkuratezza tal-istimi b'mod sinifikanti. Skont ir-rapporti dwar il-kwalità mingħand l-Istati Membri, id-daqs tal-kampjun varja minn

---

11 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar *l-Istatistika taż-Żona tal-Euro - Lejn Metodoloġiji Mtejba għall-Istatistika u l-Indikaturi taż-Żona tal-Euro*, COM(2002) 661.


12 https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=en&pubId=8351 (disponibbli bl-Ingliż biss).

13 Ara: Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, it-tbassir ekonomiku Ewropew: il-Ħarifa 2021, 2021, https://data.europa.eu/doi/10.2765/199989 (disponibbli bl-Ingliż biss).

14 Ara l-metadata tal-JVS: http://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/en/jvs_esms.htm.

madwar 2 500 negozju fil-Finlandja, 2 683 f'Malta, 3 300 f'Ċipru sa madwar 100 000 fil-Polonja u 155 000 fil-Ġermanja[15].

Ir-rata ta' rispons kienet tvarja minn 13 % fil-Ġermanja[16] (għall-istħarriġ postali mwettaq fir-raba' trimestru), u bejn 43 % u 48 % għall-Greċja (skont it-trimestri) sa 97 % jew aktar fil-Litwanja u 99 % fl-Estonja. Fl-2020, ir-rata medjana ta' rispons madwar l-Istati Membri baqgħet għolja, fejn varjat minn 79 % sa 86 % skont it-trimestru.



CZ, HR u LU: Ma japplikax; ma sar l-ebda stħarriġ u intużat *data* amministrattiva.

CZ, HR u LU: Mhux applikabbli; l-ebda stħarriġ imwettaq u *data* amministrattiva użata

F'termini ta' reviżjonijiet, is-sitwazzjoni tvarja għaż-żewġ rilaxxi tar-rata tal-postijiet tax-xogħol vakanti, jiġifieri l-istimi rapidi u finali. L-istimi rapidi, li jiġu rilaxxati f'T+50 jum, jistgħu jiġu riveduti f'T+78 jum, meta jiġu ppubblikati l-istimi finali. Għalkemm id-*data* rapida ma tkoprix l-Istati Membri kollha, ir-reviżjonijiet tal-istimi rapidi ma qabżux iż-0,1 punt perċentwali għaż-żona tal-euro u għall-UE, matul il-perjodu ta' referenza ta' dan ir-rapport.

Fir-rigward tal-istimi finali ppubblikati f'T+78 jum, ir-reviżjonijiet jistgħu jitkejlu billi wieħed iqabbel l-ewwel u t-tieni trażmissjonijiet ta' JVS għal trimestru partikolari. Għaż-żona tal-euro u għall-UE, ir-reviżjonijiet fir-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti qatt ma qabżu ż-0,1 punt perċentwali matul il-perjodu ta' referenza ta' dan ir-rapport.

15 Dan jikkorrispondi għad-daqs tal-kampjun ta' kull raba' trimestru meta jitwettaq stħarriġ postali sħiħ. It-tliet trimestri l-oħrajn jitwettqu billi jiġu segwiti r-rispondenti kollha li jkunu mlew l-istħarriġ postali.

16 L-istħarriġ dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti ma huwiex obbligatorju fil-Ġermanja, u dan jispjega r-rata baxxa ta' rispons għall-istħarriġ postali li jsir fir-raba' trimestru ta' kull sena. Ir-riżultati minn dan l-istħarriġ jiġu ponderati mill-ġdid permezz ta' *data* amministrattiva, permezz tal-istima ta' rigressjoni ġeneralizzata, sabiex jiġi korrett kwalunkwe preġudizzju minħabba nuqqas ta' rispons.

4.3 It-tempestività u l-puntwalità

It-tempestività tat-trażmissjonijiet tal-JVS kienet sodisfaċenti b'mod ġenerali kemm fir-rigward tal-istima rapida kif ukoll tal-pubblikazzjoni finali. L-Istati Membri ġew imfakkra b'mod regolari dwar l-importanza li jikkonformaw mal-iskadenzi obbligatorji għat-trażmissjoni tad-*data* dwar l-indikaturi ekonomiċi Ewropej prinċipali, inkluża l-istatistika dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti. Għalkemm xi drabi ġie rreġistrat xi dewmien minuri għall-Greċja, ma kien hemm l-ebda kunsinna strutturalment tard li setgħet fixklet il-pubblikazzjoni f'waqtha tar-rilaxx tal-JVS.


4.4 Il-koerenza u l-komparabbiltà

Ma hemm l-ebda sors armonizzat ieħor disponibbli fil-livell Ewropew li jkejjel id-domanda mhux issodisfata fis-suq tax-xogħol, li jista' jintuża għat-tqabbil mal-istatistika dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti. Ħafna Stati Membri jgħoddu l-postijiet tax-xogħol vakanti rrapportati lis-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, iżda huwa problematiku li jintużaw dawn iċ-ċifri sabiex tiġi vvalutata l-konsistenza tal-JVS. Dan għaliex tali *data* tista' ssofri minn nuqqas ta' kopertura, peress li mhux il-postijiet tax-xogħol vakanti kollha jistgħu jiġu rrapportati lis-servizz pubbliku tal-impjiegi, u/jew rapportar żejjed jekk kwalunkwe post tax-xogħol vakanti li jkun imtela jibqa' fir-reġistru amministrattiv. Barra minn hekk, il-JVS minn sorsi amministrattivi hija bbażata fuq definizzjonijiet nazzjonali, li jvarjaw minn pajjiż għal ieħor.

L-għadd ta' postijiet tax-xogħol okkupati, li huwa d-denominatur għar-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti, jista' jitqabbel mal-informazzjoni minn sorsi oħrajn, b'mod partikolari l-għadd ta' persuni impjegati rrapportati fl-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol (LFS). Il-paraguni u l-valutazzjonijiet sussegwenti tad-differenzi jridu madankollu jqisu d-differenzi kunċettwali u dawk relatati mal-istħarriġ ta' bejn is-sorsi. B'mod partikolari, l-istatistika dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti hija stmata minn kampjun ta' negozji, filwaqt li l-LFS huwa bbażat fuq kampjun ta' unitajiet domestiċi.

Kif muri fiċ-ċifra ta' hawn taħt, id-differenza bejn l-għadd ta' impjegati rreġistrati fl-LFS u l-għadd ta' postijiet tax-xogħol okkupati rreġistrati fil-JVS għall-ekonomija kollha ġeneralment tvarja bejn -20 % u +20 % bl-eċċezzjoni tal-Lussemburgu (-49 %), il-Greċja (23 %), il-Bulgarija (24 %), l-Ungerija (26 %) u r-Rumanija (32 %).

Differenza relattiva bejn l-għadd ta' impjegati (LFS) u l-postijiet tax-xogħol okkupati (JVS) għat-Taqsimiet B-S tan-NACE, data annwali għall-2020*



* L-ebda informazzjoni għal FR; Il-JVS fi Franza tkopri biss intrapriżi b'aktar minn 10 impjegati u ma tistax titqabbel mad-*data* tal-LFS.

** DK: tqabbil għat-Taqsimiet B-N aggregati tan-NACE.

*** IT: Il-postijiet tax-xogħol okkupati ma humiex irreġistrati għat-Taqsima O u huma rreġistrati biss parzjalment ħafna għat-Taqsimiet P u Q. Għalhekk, dawk it-taqsimiet tħallew barra f'dan it-tqabbil mad-*data* tal-LFS.

Il-lakuna negattiva mkejla għal-Lussemburgu tista' tiġi spjegata mill-proporzjon kbir ta' xogħol transfruntier, li joħloq diskrepanzi kbar bejn il-kunċett domestiku tas-suq tax-xogħol użat fl-LFS u dak nazzjonali applikat fil-JVS: l-LFS jistħarreġ unitajiet domestiċi residenti biss, filwaqt li l-JVS tkopri intrapriżi residenti, inklużi ħaddiema mhux residenti (jiġifieri transfruntiera).

Fil-każ tal-Greċja, id-distakk identifikat jindika differenzi bejn iż-żewġ sorsi fir-rigward tal-metodoloġija u d-definizzjonijiet. B'mod partikolari, id-*data* dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti tkopri biss negozji bi tliet impjegati jew aktar. Fl-aħħar nett, xi negozji jistgħu ma jiġux inklużi fil-qafas ta' kampjunar minħabba li bdew joperaw wara li ġie aġġornat ir-reġistru tan-negozju, li jwassal għal xi sottovalutazzjoni tal-postijiet tax-xogħol okkupati.

Ir-rapport tal-Bulgarija dwar il-kwalità ddikjara li d-definizzjoni tal-impjegati użata fl-LFS hija aktar wiesgħa minn dik li ntużat għall-istatistika tal-JVS. B'mod partikolari, din tinkludi persuni li jaħdmu b'kuntratt kummerċjali (kuntratt għal ċertu xogħol li għandu jsir), dawk li jaħdmu b'kuntratti ta' ġestjoni u kontroll, u dawk li jaħdmu mingħajr kuntratt ta' kwalunkwe tip. Barra minn hekk, il-JVS ma tinkludix persunal militari.

L-Ungerija ma tkoprix negozji b'anqas minn ħames impjegati fl-istatistika tagħha dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti, u dan jispjega parti mid-distakk irreġistrat.

Fir-rapport tagħha dwar il-kwalità, ir-Rumanija spjegat li d-diskrepanzi bejn l-LFS u l-JVS fir-rigward tal-għadd ta' postijiet tax-xogħol okkupati kienu jirriflettu l-fatt li l-postijiet tax-xogħol okkupati miġbura permezz ta' metodi JVS ma kinux jinkludu dan li ġej:

- individwi li l-kuntratt ta' impjieg tagħhom jiġi sospiż għal perjodu partikolari (għal raġunijiet ta' liv tal-maternità, liv tal-kura tat-tfal, liv minħabba mard jew liv mhux imħallas, jew minħabba xi tip ta' assenza oħra);
- postijiet li, għalkemm jiġu sospiżi b'mod temporanju, jistgħu jispiċċaw vakanti u jiġu okkupati għal perjodu ta' żmien limitat; u
- postijiet fil-forzi armati jew fis-settur informali.

Flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli tal-pajjiżi elenkati hawn fuq, il-Eurostat se jkompli jissorvelja d-diskrepanzi bejn l-għadd ta' impjegati rreġistrati mil-LFS u l-għadd ta' postijiet tax-xogħol okkupati rreġistrati fil-JVS.

Huwa importanti wkoll li l-postijiet tax-xogħol vakanti u l-postijiet imħallsa ta' aġenziji temporanji jkunu koperti u assenjati lit-Taqsima N tan-NACE Reviżjoni 2.

Fl-aħħar nett, l-isfida ewlenija fir-rigward tal-komparabbiltà hija li l-Istati Membri kollha jkopru l-ekonomija kollha fl-istħarriġ tagħhom dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti, jiġifieri li jinkludu lin-negozji ż-żgħar u t-Taqsimiet O sa S tan-NACE Reviżjoni 2, inklużi l-istituzzjonijiet pubbliċi. Mill-aħħar rapport ta' progress, l-Italja u Malta għamlu progress tajjeb u d-*data* tal-JVS tagħhom issa tkopri intrapriżi b'anqas minn 10 impjegati. Madankollu, kif imsemmi fit-Taqsima 1.2, id-*data* għad-Danimarka, għal Franza u għall-Italja għadha ma hijiex kompletament komparabbli ma' dik ta' Stati Membri oħrajn.

4.5 L-aċċessibbiltà u ċ-ċarezza

L-istatistika dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti tiġi mxerrda permezz tal-kanali ta' distribuzzjoni standard tal-Eurostat, jiġifieri l-bażi tad-*data* online u l-paġni "Statistics Explained" fuq is-sit web tal-Eurostat[17]. Is-sit web jipprovdi informazzjoni f'waqtha dwar ir-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti kemm għall-aggregati Ewropej kif ukoll għall-Istati Membri individwali, inklużi ċarts dwar l-iżviluppi matul iż-żmien. Peress li l-istatistika dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti tappartjeni għall-indikaturi ekonomiċi Ewropej ewlenin, kull trimestru tiġi ppubblikata stqarrija tal-aħbarijiet[18].

Il-metadata fornuta lill-utenti b'appoġġ għar-rilaxxi tad-*data* ġiet aġġornata permezz tar-rapporti annwali dwar il-kwalità pprovduti mill-Istati Membri. Dawn jistgħu jinstabu fuq is-sit web tal-Eurostat[19].

---

17 Ara: http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Job_vacancy_statistics u http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Job_vacancy_and_unemployment_rates_-_Beveridge_curve (disponibbli bl-Ingliż biss).

18 Ara l-kalendarju tar-rilaxx għall-indikaturi tal-euro: https://ec.europa.eu/eurostat/news/euro-indicators/release-calendar (disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż biss).

19 Ara l-metadata tal-JVS u r-rapporti ta' kwalità tal-UE u nazzjonali: https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/en/jvs_esms.htm (disponibbli bl-Ingliż biss)

5. KONKLUŻJONIJIET

Matul dawn l-aħħar tliet snin, il-Eurostat kompla jtejjeb it-trażmissjoni (bl-appoġġ tal-NSIs), il-validazzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti. Fir-rigward tal-aġġustamenti skont l-istaġun, il-Eurostat ġabar informazzjoni metodoloġika dettaljata mill-Istati Membri u għamilha disponibbli għall-utenti bħala anness għar-rapporti annwali dwar il-kwalità.

Il-kriżi tal-COVID-19 kellha impatt fuq il-ġbir tad-*data* tal-JVS, b'mod partikolari fir-rigward tar-rati ta' rispons. Madankollu, l-Istati Membri kollha rnexxielhom jittrażmettu d-*data* tal-JVS fil-ħin, minbarra Franza għal trimestru wieħed. L-impatt fuq l-ekonomija kien viżibbli fis-serje tal-ħin tal-JVS: wara tnaqqis kbir fl-ewwel trimestru tal-2020 u fit-tieni trimestru tal-2020, ir-rati ta' postijiet tax-xogħol vakanti rkupraw u saħansitra qabżu l-livelli ta' qabel il-pandemija, b'mod partikolari għat-Taqsima J tan-NACE Reviżjoni 2 ("Informatika u komunikazzjoni").

Minkejja l-kriżi, l-aggregati Ewropej ġew ippubblikati kif skedat. B'mod ġenerali, kienu meħtieġa biss reviżjonijiet minuri ħafna għall-aggregati Ewropej kemm fir-rigward tal-istimi rapidi kif ukoll ta' dawk finali.

Sabiex tittejjeb ulterjorment il-komparabbiltà tal-JVS bejn il-pajjiżi, huwa importanti li l-Istati Membri kollha jkopru bis-sħiħ is-settur pubbliku (fil-każ tad-Danimarka u l-Italja) u n-negozji ż-żgħar (fil-każ ta' Franza). It-titjib fil-kopertura jagħmilha wkoll possibbli li jiġi ppubblikat l-għadd ta' postijiet tax-xogħol vakanti, għall-aggregati Ewropej, barra mir-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti. Il-Eurostat se jkompli jindirizza din il-kwistjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-pajjiżi kkonċernati, skont ir-rieżami li għaddej bħalissa tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-istatistika dwar is-suq tax-xogħol rigward in-negozji.

Dan il-proġett ta' rieżami għandu l-għan li jevalwa u jimmodernizza l-leġiżlazzjoni kollha tal-UE fil-qasam tal-istatistika dwar is-suq tax-xogħol rigward in-negozji. Fil-qasam tal-istatistika dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti, il-Eurostat jipprevedi li jipproponi t-titjib li ġej:

- l-eliminazzjoni ta' preġudizzji possibbli billi jiġu koperti l-attivitajiet ekonomiċi u d-daqsijiet tan-negozju kollha, inklużi ditti żgħar b'anqas minn 10 impjegati, l-istituzzjonijiet pubbliċi u s-settur pubbliku;
- l-introduzzjoni ta' miri ta' preċiżjoni għall-għadd ta' postijiet tax-xogħol vakanti u postijiet tax-xogħol okkupati; u
- l-ispeċifikazzjoni fil-leġiżlazzjoni tal-unitajiet statistiċi użati għall-ġbir tad-*data* tal-JVS, u li dawn jiġu limitati għall-intrapriżi u l-unitajiet lokali.

Aktar proposti jistgħu joħorġu mill-konsultazzjoni pubblika li twettqet fuq is-sit web Semma leħnek tal-Kummissjoni. Din kienet opportunità għall-partijiet ikkonċernati kollha sabiex jesprimu l-livell ta' sodisfazzjon tagħhom fir-rigward tal-istatistika dwar is-suq tax-xogħol rigward in-negozji, inkluża l-JVS, u jissuġġerixxu titjib possibbli.

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-konformità u l-kwalità tal-JVS f'intervalli regolari, permezz ta' *data* mogħtija u dokumentazzjoni nazzjonali oħra, inklużi rapporti dwar il-

kwalità, u se tkompli ssegwi dan mill-qrib mal-awtoritajiet tal-istatistika nazzjonali responsabbli.